**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 20 ta' Gunju 2000.

Il-Pulizija
Spettur Mario Tonna

vs

Emmanuel Schembri

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmi Emmanuel Schembri, ta' 35 sena, mwieled Pieta' fit-23 ta' Awissu 1964 bin Francis u Annunziata nee' Sciberras u residenti gewwa "Hollyhedge", Triq l-Irmigg, Marsaskala u detentur ta' karta tal-identita' 442464 M;

Talli nhar is-6 ta' April 2000, gewwa l-Awla tal-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Silvio Demicoli LL.D., waqt is-seduta tal-V.A.T. (returns) fil-kawza numru 64 bl-okkju "Il-Pulizija vs Emmanuel Schembri, halef falz quddiem l-imsemmi Magistrat, u dan bi ksur tal-artikolu 108(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikolu 108(1)(a) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammisjoni volontarja tal-istess Emmanuel Schembri, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, fil-waqt li qeghda ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien sena mil-lum, u dan a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.